*Aktarx tinsa l-lewn ewlieni......*
*'Ma s-Sbuħija għadha miegħi,*
*taqsam ferħ u dwejjaq tiegħi......*
*Għadni dejjem, dejjem jien,*
*anki jekk kiebi w għajjien —*
*il-Poeta taż-Żgħorija,*
*il-Poeta tas-Sbuħija!*

1952. R. Briffa.

## NIFTAKAR

*Niżla wieqfa taħt ħarsti*
*Tasal sa' xatt il-baħar,*
*Tiżwiq ta' lwien u ħdura......*
*Kollox, kollox niftakar:*

*Meta hienja r-rebbiegħa*
*Qabżet bil-ferħ ġo fija,*
*Meta ġo ħbub għajnejja*
*Dehret titbissem dija:*

*L-Imħabba, qisha xbiha*
*Ta' ħolma ftit mistura;*
*Tiċċara, 'mbagħad, u tieħu*
*Ta' warda mbexxqa s-sura;*

*Sakemm f'għodwa sabiħa*
*Naraha tqum fuq ġenbejha,*
*Tixgħel tbissima f'fommha,*
*Iħammar bħal nar f'ħaddejha.*

*Bħal meta n-naħla, msakkra*
*Bil-għasel ta' ġol-fjura,*
*Ferrieħa tfeġġ u tifrex*
*Ġwinħajha kollha sfura,*

*Hekk xorbot qalbi, u ssakkret*
*Minn fuq xuftejn l-Imħabba;*
*Ferrieħa, mbagħad, hi xxaħxħet,*
*Ma ratx in-nar li trabba:*

*L-abjad irħam, l-avorju,*
*Is-sbuħija ta' laħamha,*
*Fis tbiddlet f'nar li dewweb*
*Ġisimha qisu xema'.*

*U l-għanja sfat tnehida,*
*u l-ħlewwa sfat imrar,*
*U l-ferħ minn ħbub għajnejja*
*Intefa' bil-mod u mar......*

*Niżla wieqfa taħt ħarsti*
*Tasal sa xatt il-baħar;*
*U hawn bid-dmugħ f'għajnejja*
*Kollox, kollox niftakar.*

30/1/50. J. B. Cassar.

## KLAWSURA

*Fil-paċi ta' kamra bla ħajja,*
*imbiegħda mill-ħars tal-bnedmin,*
*mitfugħa għarkubbtejha*
*b'kuruna f'idejha,*
*fil-ġabra w fil-kwiet*
*qed titlob lil Dak li biex fdiena*
*issallab u miet.*

*Ebda ħoss.*
*Waqtiet tisma' t-tislima:*
*Viva Gesù! Viva Marija!*
*Sikta ma' kullimkien,*
*donnu bla ħajja l-ħolqien.*

*Hemm ġew,*
*f'dak il-Kunvent*
*rieqed fil-kesħa tal-mewt,*
*ma tarax*
*ħlief id-dija ta' l-aħħar xemx titriegħed,*
*u ma tismax*
*ħlief qanpiena titniehed.*

*Ebda ħoss.*
*Is-Soru qed titlob lil Alla maħbub,*
*ħarsitha fil-ħarsa ta' Kristu Mislub:*

*Ismagħni, Gesù,*
*mid-dinja ħrabt jiena,*
*muġugħa, għajjiena,*
*arani f'riġlejk*
*infittex il-maħfra u l-ħniena.*
*Int ġbartni mit-triq.*